CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03

L-Erbgħa, 7 ta' Awwissu 2019

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fid- 15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Vici Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.16pm.

**03.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

03.1.1 Ma kienx hemm ebda ittri ta' apoloġija

**03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

03.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tieni Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

03.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**03.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

03.3.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa ma rapprezentanti ta' Festivals Malta rigward attivita' li ser tittella ġewwa l-Mdina nhar l-10 ta' Novembru 2019 fejn dawk li ser jidhlu l-Mdina dak nhar ser ikollhom l-opportunita' li jingħataw sferi li minnhom toħroġ muzika sottili differenti skond it-triq li jkun għaddejjin minnhom. Gew inponuti kundizzjonijiet fosthom li ma ssirx attivita' bejn is-2pm u l-4pm. Il-Kunsill approva.

03.3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill fuq il-laqgħa li kellu flimkien mas- SE mal-Perit tal-Kunsill fir-rigward ta' l-applikazzjoni li trid tiġi sottomessa ma' l-Awtorita' ta' L-Ippjanar b'rabta ma' l-iskema'' Sebbah il-Lokal'' biex jiġi rriġenerat il-*playground* fid-daħla ta' L-Mdina

03.3.3 Is-Sindku tkellem fuq il-laqqgħa li kellu l-Kunsill ma' l-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ġew diskussi diversi temi fosthom il-fondi inadekwati li qed jingħataw mill-Awtorita' Tat-Turizmu għal Medieval Mdina u muzika għolja filgħaxijiet waqt xi attivitajiet mtella ġewwa il-Palazz tal-Vilhena li taqa'taħt ir-responsabbilta' ta' Heritage Malta. Huwa xtaq jirringrazzja b'mod personali lill-President ta' L- Assocjazzjoni talli sab il-ħin jisma' l-karbiet tal-Kunsill u l-azzjoni immedjata tiegħu.

03.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li ġie ffirmat il-kuntratt il-ġdid mad- Direttorat tar-Restawr għat tlett snin li ġejjin fejn ser jingħataw fondi biex ikopru parti mill-ispejjez involuti fil-manutenzjoni tal-lampi li jinsabu ġewwa l-Mdina

03.3.5 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li rċevejna ittra mingħand il-Kunvent tal-Karmelitani biex jitneħħew xi *pots* tal-pjanti minn fuq il-bankina wiesa' li tinsab biswit il-Knisja li kienu ġew impoġġija mill-Kunsill għaliex qed jallegaw li dik mhix art pubblika imma tagħhom. Huwa xtaq jippreċiza li filwaqt li l-Kunsill ser jiċċekkja ma' L-Awtorita' ta' l-Artijiet dan il-kaz, dawn tpoġġew hemm biex insebbħu l-Mdina u xejn izjed. Għaldaqstant dawn ser jitneħħew minn hemm u jiġu rilokati x'imkien ieħor.

03.3.6 Is- Sindku huwa tal-fehma li wasal iz-zmien li l-liġi sussidjarja li tirregola id- dħul tal-vetturi tiġi riveduta għaliex iz-zmenijiet qed jinbidlu u aktar ma jgħaddi zmien is-sitwazzjoni tista' tikkomplika ruha. Wieħed irid jiftakar li din il-liġi kienet saret fl-2004 u wasal iz-zmien li dan jiġi rivedut. Għalhekk huwa kien qed jipproponi li jinħoloq sotto kumitat fejn jiġu diskussi dawn it-tibdiliet. Il-Kunsill approva.

03.3.7 Is- Sindku kien tal-fehma li hekk kif ġiet varata il-Bye- Law ġdida li fir-rigward tal-Karozzini li jidħlu ġewwa l-Mdina, għandha ssir laqgħa apposta ma' dawk il-kuċċiera interessati fejn tiġi spjegata l-liġi u kif ser titħaddem il-proċess tagħha. Il-Kunsill approva u ser ikellem lill-avukat tal-Kunsill biex jara' meta hu disponibbli li jkun prezenti.

**03.04 Rapport Amminstrattiv 2018**

03.4.1 Ir-Rapport Amministrattiv 2018 tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kunsill (meħmuz). Kopja ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

03.4.2 Ir-Rapport Amminstrattiv ġie approvat unanimament.

**03.05 Abbozz ta' Ftehim ma' l-Awtorita' Tat-Turizmu fuq il-fond Uffiċċju ta' l-MTA**

03.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra abbozz ta' ftehim hekk kif emendata mill-avukat tal-Kunsill rigward il-kiri tal-propjeta' Torre Dello Standardo li bħalissa qed tintuza mill- Awtorita' Tat-Turizmu bħala uffiċċju.

03.5.2 L-abbozz ġie moqri għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill u ġie approvat u dan l-abbozz ser jintbgħat lura lill-Awtorita' għal attenzjoni tagħhom.

**03.06 Rapporti, Ilmenti u ordnijiet ta'xogħolijiet**

03.6.1 AKL- Zoni Problematiċi fil-Lokalita- Kontroll tal-Ħamiem. Talba għall-informazzjoni. Il-Kunsill ser jibghat l-informazzjoni meħtiega ta' fejn jista' jkun li tezisti din il-problema ġewwa l-Mdina.

03.6.2 Talba mingħand l-organizzaturi tan-Natalis Notabilis biex għal darb'oħra din is-sena tingħata l-area tat-Tomba għal parking mill- 11 ta' Diċembru 2019 sal- 15 ta' Diċembru 2019. Il-Kunsill approva.

03.6.3 Ittra mingħand id- Dipartiment għal Gvern Lokali fejn bgħatu jinfurmawna li t-talba għal Twinning ma' Gatchina, Russia ġiet mizmuma għalissa sakemm issir laqgħa mal-Ministeru ta' L-affarijiet Barranin.

03.6.4 AKL 2019/080- Registrazzjoni għas-Sessjoni ta' taħriġ għall-Membri Eletti.

03.6.5 Ittra mingħand il-Kapitlu Metropolitan ta' L-Mdina fejn għarrfu lil-Kunsill rigward il-problema tad-drenaġġ li qed jidħol fil-kantina tal-Muzew u r-riperkussjonijiet kollha tagħha. Huma konvinti li din il-problema ġejja minn xi propjeta privat. Il-Kunsill filwaqt li ħa nota tagħha, kull ma jista' jagħmel hu li jinfurma lid- Dipartiment tad- Drenaġġ biex jinvestigaw minn fejn ġejja din il-problema

## 03.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

03.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-7 ta'Awwissu 2019, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 21,336.82

03.7.2

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Mary Ann Sultana li kienet issekondata mill- Kunsilliera Camille Scerri. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

## 03.08 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

03.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-17.34pm u ġiet aġġornata għat-3 ta' Settembru 2019 fit-3pm

IFFIRMATA
__________________
Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA
__________________
Mark Mallia
Segretarju Eżekuttiv

Data: 03-09-2019_______